MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2012

Avviz Numru. 357/2011

**Kevin Micallef**

**vs**

**Gasan Mamo Insurance Ltd (C3143) u Bianca Rizzo**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promotur pprezentat mill-attur fir-Registru tal-Qorti fl-20 ta’ Ottubru 2011 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom ihalsuh is-somma ta’ ghaxart elef u hames mitt Ewro (€ 10,500) jew kwalunkwe soma ohra verjuri li tigi likwidata jekk hemm bzonn bl-opera ta’ periti nominandi, danni sofferti minnu limitatament fuq il-vettura proprjeta’ tieghu nomine u cioe’ Mercedes Vito Panel Van bin-numru ta’ registrazzjoni ABS 282 liema vettura soffriet hsarat konsiderevoli tant li giet dikjarata mill-konvenut Gasan Mamo Insurance Agency Ltd wara l-incident stradali li gara fis-7 ta’ Marzu 2011 gewwa n-Naxxar meta waqt l-imsemmija vettura kienet ipparkjata giet milquta mill-vettura Numru ta’

Registrazzjoni BBE 247 misjuqa mill-konvenuta Bianca Rizzo u assikurata mal-konvenuta l-ohra GasanMamo Insurance Ltd u dan previa, jekk ikun hemm bzonn id-dikjarazzjoni illi ghall-incident li ta' lok ghall-hsara ikkagunta fuq il-vettura tal-attur nomine kienet tahti unikament Bianca Rizzo minhabba traskuragni u nuqqas ta' tharis lejn ir-regolamenti tat-traffiku.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji tal-4 ta' April 2011 u tal-25 ta' Mejju 2011 u bl-imghaxxjiet legali fuq is-somma mitluba mid-data tal-incident sad-data tal-pagament effettiv b'riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-attur kontra l-konvenuti jew min minnhom ghal danni ulterjuri limitatament dwar 'loss of use' billi l-vettura mertu tal-incident kienet vettura kummercjali li minhabba li l-attur baqa' qatt ma rcieva ebda rizarciment ghall-imsemmija vettura la mill-konvenuta u lanqas mis-socjeta' konvenuta l-ohra.

Rat ir-risposta tas-socjeta' GasanMamo Insurance Limited u Bianca Rizzo ipprezentata nhar it-2 ta' Novembru 2011 fejn eccepew:

*1. "Illli preliminarjament l-inkompetenza ta' dina l-Onorabbli Qorti ratione materie billi din il-kawza tirrigwarda incident tat-traffiku u li ghalhekk tali azzjoni kellha tigi proposta fic-Centru Malti ta' l-Arbitragg u dana bl-applikazzjoni tad-disposizjonijiet* ***tar-Raba (4) skeda tal-Kap 387*** *tal-Ligijiet ta' Malta.*
*2. Illi fil-mertu u bla pregudizzju ghas-suespost l-esponenti jirrileva illi dan l-incident ma garax tort u htija ta' l-esponenti Bianca Rizzo u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*
*3. Illi wkoll bla pregudizzju t-talba tar-rikorrenti li d-danni minnu sofferti minnu f'dan l-incident jammontaw ghas-somma ta' €10,500 huma ghal kollox esagerati billi huwa sofra biss danni fl-ammont ta' circa €3,200 u dan kif sejjer jigi ampjament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.*
*Salv eccezzjonijiet ulterjuri*".

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta GasanMamo Insurance Limited u tal-konvenuta Bianca Rizzo prezentata fid-19 ta' Jannar 2012 fejn biha gew esebiti s-segwenti dokumenti:

- Dok LB1 – kopja tar-Road Accident Report meritu ta' din il-kawza li juri li l-incident tat-traffiku in kwistjoni gara biss bejn vetturi u li ma kienx hemm xi korriment da parti tar-rikorrenti.

- Dok LB2 – Kopja tar-Raba' Skeda tal-Kap. 387 tal-Ligijiet ta' Malta.

- Dok LB3 – Kopja informali tas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet *Middlesea Insurance Plc., et vs Gevimida Limited* deciza 23 ta' Ottubru 2009.

Il-Qorti semghet il-partijiet jittrattaw l-ewwel ecezzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta fejn sostniet li l-azzjoni odjerna kellha tigi proposta fic-Centru Malti ta' l-Arbitragg u dana bl-applikazzjoni tad-disposizjonijeit **tar-Raba (4) skeda tal-Kap 387** tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-konvenut nomine qed jghid li l-attur qatt ma messu fetah din il-kawza quddiem din il-Qorti u dan ghaliex, permezz tal-Avviz Legali Numru 420 tas-sena 2004, il-legislatur ried, li dawn it-tip ta' kawzi jigu decizi minn Arbitru.

L-attur invece jsostni li l-Arbitragg Mandatarju m'ghandux japplika ghall-kaz in ezami u in effetti l-attur esebixxa is-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet '**<u>Untours Insurance Agency Ltd et vs Victor Micallef'</u>**, deciza fil-25 ta' Mejju 2012, fejn gie ritenut li din il-ligi ta' Artbitragg Mandatarju mmexxija taht l-Avviz Legali 279 tal-2005 u l-artikolu 15(11) tal-Kapitolu 387 (Att dwar l-Arbitragg) imur kontra l-provvedimenti tal-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6(1) tal-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi nonostante li nghatat din is-sentenza pero' l-ligi baqghet l-istess u ghadha in vigore u ghalhekk il-gudikant ghandu id-dover jaghmel referenza ghaliha.

Il-*Fourth Schedule* dwar *Mandatory Arbitration* fil-parti A Artikolu 1.2 jipprovdi s-segwenti:

***<u>'Tilwimiet dwar it-traffiku ta' Vetturi bil-Mutur'</u>.***

*"Kull tilwima civili jew kummercjali, li ma tkunx wahda li jkollha x'taqsam ma' talba ghad-danni ghal hsara fil-persuna, li tkun tilwima li torigina minn:-*

*A. kollizjoni bejn vetturi, jew*
B. *hsara nvolontarja fil-proprjeta li tinvolvi l-vetturi, jew…"*

Minn ezami ta' din id-disposizzjoni tal-Ligi sub inciz (a), jirrizulta bic-car b'mod manifest, li l-legislatur ried *ab initio,* li kull tilwima bejn vettura w ohra tigi trattata minn arbitragg u mhux gewwa Qorti.

Dwar it-tifsira ta' vettura, il-Qorti taghmel referenza ghat-tifsira moghtija fil-prejambolu tal-Kapitolu 104 intitolat 'Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur ghar-Riskji ta' Terzi Persuni' li jghid li vettura tal-mutur tfisser:

"*Vettura mmexxija b'makna u qieghda jew tajba ghall-uzu fit-toroq, izda ma tikkomprendix steam traction engine jew steam trailer*."

Jinghad li tali procedimenti ta' indoli koercitiva ghandha tinghata interpretazzjoni ristrettissima, u dan ghaliex l-interpretazzjoni ta' ligi ghandha tkun dejjem konsona mar-raguni. Din il-Qorti ma tistax tinjora il-volonta' superjuri tal-Poter Legislattiv kif espress bil-kliem u bil-kostruzzjoni tal-ligi stess. Sakemm tibqa' in vigore tali ligi, il-Qorti hija marbuta li tapplikaha.

**Ghaldaqstant, din il-Qorti qeghda tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dan il-kaz.**

**L-ispejjez ta’ din il-kawza ghandhom jigu sopportati mill-attur.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------